# Dawk il-Ġarar tal-Brandy

*Ta'* J. E. Busuttil

*(Minn "La Petite Casque" ta' de Maupassant.)*

ĠANNI d-dvernar waqqaf iż-żiemel biswit ir-razzett ta' Gerit, niżel minn fuqu u wara li ħabbat darbtejn il-bieb instemgħet Gerit tgħajjat minn ġewwa — "Min hemm jiftaħ u jibqa' dieħel". Ġanni rabat iż-żiemel mir-riedni mal-ħabbata tal-bieb, fetaħ u baqa' dieħel.

"Bonġu, mamma Gerit", qallha Ġanni, u mamma Gerit — għax hekk kienet magħrufa f'dawk l-inħawi — kif lemħet lil Ġanni staqsietu x'kien li ħadu hemm. Ġanni kien ilu bil-ħsieb li jikseb mingħand Gerit ir-razzett tagħha bir-raba' ta' madwaru u qallha x'kien li ħadu hemm.

"Ma nagħmilu xejn Ġann", qaltlu Gerit u tqaxxar il-patata baqgħet bħalma kienet qabel ma daħal Ġanni. "Għalxejn tgħidli, Ġann; jien f'dan ir-razzett twelidt u hawn irrid immut". Gerit kienet tgħodd xi ħaġa 'l fuq mis-sittin, kienet xebba u għalkemm ftit xierfa fiż-żmien, kienet għadha fuq tagħha ġmielha. Ġanni ħabat ser jibdel is-suġġett. "M'intix ħażin mamma Gerit nizżu ħajr 'l Alla" "Ma nilmentax", wieġbet Gerit, "iżda kultant jaqbadni dak l-imgħarraq ta' ramattiżmu u taf int, issa ili biċċa sewwa li qlibtu n-nofs qantar". "Tibża' xejn, paċenzja, xi trid tagħmel", wieġeb Ġanni u poġġa bil-qiegħda kultant iżerżaq xi kelma 'l hawn u 'l hemm u kif kien se jqum biex jitlaq; "Mamma Gerit inti żgur milli għidtli li ma tridx tbigħli r-razzett u r-raba'? Isma', inħallsek tajjeb jew ara x'nagħmlu, ara togħġbokx l-affari; int tbigħli kollox u fl-istess ħin ikun tiegħek." Gerit issa waqfet mit-tqaxxir tal-patata, waqqfet widnejha u b'ħarsa li tfisser, riedet taf mingħand Ġanni x'ried igħid. "Ismagħni, jien nagħtik mitt frank fix-xahar sakemm iddum ħajja, biss irridek tiktibli li r-razzett u r-raba' jsiru tiegħi wara mewtek. Taf int, int ma għandek ħadd min jirtek ħlief xi żewġ neputijiet li qatt ħadd minnhom ma mpurtah minnek u la jafu jekk int ħajja u anqas mejta". — "Sewwa qed tgħid", qabżet Gerit. "Qatt ħadd minnhom ma mpurtah minni". Għalhekk mela, ara", kompla Ġanni, "xi tgħid, togħġbok l-affari?"

Mamma Gerit qagħdet taħsibha ftit. Xammet li hemm xi logħba fin-nofs. "Ma nafx, Ġann, naħsibha". "Tajjeb, aħsibha". "Naħsibha, ħallini narak minn hawn u ġimgħa oħra u n'ik tweġiba". "Saħħa, Gerit, nerġgħu nitħaddtu", u telaq hieni lejn id-dverna.

Gerit għamlet il-lejl ittalla' u tnizzel fuq kliem Ġanni u kif sebaħ telqet għal għand in-nutar biex tieħu parir. In-nutar ma qalilhiex le, iżda qallha li mitt frank kienu ftit. "Itolbu mitejn, Ġanni jista' jħallas", qallha n-nutar u la jrid ir-razzett mhux sejjer ma jċedix. U mbagħad int jaqbillek taħkem dik is-somma fix-xahar; int għadek f'saħħtek sewwa. Dawk għalik mirbuħa". Il-jiem għaddew bħal leħħa. Ġanni reġa' mar għand Gerit kif ftiehmu. Gerit talbet lil Ġanni mitejn u ħamsin frank fix-xahar u Ġanni li għall-ewwel raha qarsa, baxxa rasu — marru għand in-nutar u sar il-ftehim li Gerit tħalli kull ma kellha, il-ġid kollu, wara mewtha lil Ġanni d-dvernar bil-patt li jibagħtilha l-250 frank fix-xahar tul ħajjitha u li tibqa' tgawdi r-razzett u r-raba' bla ma jindaħlilha ħadd. Gerit kienet ġmielha ddaħħal dik ir-renta u ġie li qalet, "La mmut jien, imut kulħadd". Ġanni mill-banda l-oħra kien hieni li wara mewtha jiret dak ir-raba' u l-ġid kollu, iżda l-bużillis kien meta se jiret dan il-ġid.

Għaddiet sena mindu sar dan il-kuntratt bejn Gerit u Ġanni. Ġanni dejjem kien puntwal fil-ħlas. Għaddiet sena oħra u hawn Ġanni rama bħal jiddejjaq jiżborża dawk il-flejjes. Paċenzja, min jikriha jrid joqgħod għaliha. Darba Ġanni stieden lil Gerit għal ikla fid-dverna — u wara li ndafret sewwa, Ġanni fetaħ flixkun brandy u qallha: "Minn dan il-brandy żgur qatt ma doqt kemm għandek għomor. Dan għandu għaxar snin fid-dugħ". "Ma nixrobx", qaltlu Gerit, "iżjed minn belgħa kafè. Jien qatt ma xrobt f'għomri". "Iżda meta dduq minn dan, nibqa' żgur li tgħix għoxrin sena oħra maili għandek" U b'ċajta minn hawn u oħra minn hemm, Ġanni waqqa' lil Gerit fid-dnub, xorbot mill-brandy li għoġobha tabilħaqq. "Nibagħtlek ġarra minnu", qallha, u hekk għamel.

Għoġobha l-brandy lil Gerit. Minn ġarra ġiet oħra u fl-aħħar spiċċat biex kienet tixrob minn dan il-brandy daqs l-ilma. X'ma tixrobx, dak kien għaliha aqwa mill-balzmu. Wara xi żmien tixrob minn dan il-brandy Gerit beda jonqosha aptit l-ikel; bdiet tħoss l-isturdamenti, iżda l-leblieba għall-brandy baqgħet u Ġanni qatt ma naqas li joħdilha dik il-ġarra mal-flus.

Għodwa waħda Ġanni mar bil-flus tas-soltu u bil-ġarra tal-brandy u x'ħin ħabbat ma wieġbu ħadd. Fetaħ u daħal fir-razzett u jsib lil Gerit mixħuta kobba fl-art, kiesħa silġ, imħaddna mar-ġarra tal-brandy.

Kif sar l-iżbarr fuq il-katavru ta' mamma Gerit, it-tobba iddikjaraw li kellha fwiedha maħruqin bl-ispirtu. Tabib qal lil sieħbu, "Kienet tgħix għoxrin sena oħra li kieku ma tathiex għax-xorb".